# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 6 t' Ottubru, 2017**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Mark Mercieca)**

**vs**

**Kevin Attard**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Kevin Attard detentur tal-karta tal-identita numru: 463880(M)

Akkuzat talli matul ix-xahar ta' Frar 2016, gewwa dawn il-Gzejjer, ikkommetta serq ta' ghamara minn gewwa Il-Gerna, Triq ix-Xatt Pieta' li hu aggravat bil-persuna u anka bil-valur li jeccedi s-somma ta' mitejn u

tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (232.94euro) izda inqas minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (2329.37 euro); Art 267, 268, 279(a), 280(1) ta' Kap 9

Talli rrenda ruhu recidiv wara li gie misjub hati b' sentenza tal-Qorti ta' Malta, mill-Magistrat Dr C S Zammit LLD datata nhar is-27 ta' Mejju, 2013 liema sentenza hija definittiva u ma tistax tigi mibdula. Art 49, 50 Kap 9

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 18 t' Awwissu, 2016 (esebit a fol. 19 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Semghat il-provi.

Semghet is-sottomissjonijiet finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti ta' dan il-kaz huma fil-qosor dawn li gejjin. Fi Frar 2016 Philip Borg li kien il-propjetarju ta' hanut tal-antikita bl-isem ta' il-Gerna u li kien jinsab f' Marina Seafront, tal-Pieta' kien qabbab lil Kevin Attard, l-imputat

odjern, sabiex igorlu diversi bicciet ta' ghamara mill-hanut ghal mahzen f' Santa Venera u dan peress li kien ser ibiegh il-hanut. Fost l-ghamara li kellha tingarr kien hemm mejda tonda antika tas-salib li kellha valur ta' madwar elf u mitejn Ewro u li kienet propjeta ta' Mary Carmen Borg li kienet tatha lil Philip Borg sabiex isibilha l-bejgh taghha u gradenza li kellha valur ta' madwar hames mitt Ewro. F' Lulju 2016 Philip Borg mar irkant f' dar il-Hamrun li kienet propjeta' ta' certu Joseph Farrugia u hemmhekk sab ghall-bejgh iz-zewg bicciet ghamara appena indikati li huwa kien qabbad lill-imputat igorlu fil-mahzen ta' Santa Venera. Huwa seta' jaghraf iz-zewg bicciet ghamara minhabba li kien irristawrahom hu u dawn il-bicciet kellhom sinjali li huwa kien jaghraf. Joseph Farrugia qallu li kien xtara dawn iz-zewg bicciet ghamara minghand Kevin Attard.

Illi wara li Philip Borg u ohtu Mary Carmen Borg ghamlu rapport[i] mal-Pulizija u wara li z-zewg bicciet ghamara in kwistjoni gew elevati mill-istess Pulizija, l-imputat gie arrestat u nterrogat fejn huwa rrilaxxja zewg stqarrijiet[ii]. L-imputat ikkonferma li kien gie mqabbad minn Philip Borg sabiex igorr xi ghamara mill-hanut tieghu f' tal-Pieta' ghal gewwa mahzen f' Santa Venera u kkonferma wkoll li huwa kien biegh il-mejda u l-gradenza in kwistjoni lil Joseph Farrugia. Huwa izda sostna li kien xtara dawn il-bicciet ghamara xi snin qabel minn garaxx il-Mosta. Fit-tieni stqarrija izda l-imputat ammetta li huwa fil-fatt kien zamm il-mejda u l-gradenza fil-vann tieghu wara li gabarhom minghand Philip Borg mill-hanut ta' tal-Pieta' u li mbaghad huwa ma kkonsenjahomx fil-mahzen ta' Santa Venera kif kien qabdu jaghmel Borg izda minflok hadhom fid-dar ta' ommu sa kemm imbaghad bieghhom lil Joseph Farrugia. L-imputat qal li kien jiddispjacih li ghamel hekk.

Ikkunsidrat:

Illi f' dan il-kaz l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' serq aggravat bil-valur u bil-persuna. Id-Difiza mhux qed tikkontesta li l-imputat naqas milli jikkonsenja iz-zewg oggetti in dizamina fil-mahzen ta' Santa Venera wara li gabarhom minghand Philip Borg minn tal-Pieta' u li huwa minflok ha dawn l-oggetti id-dar ta' ommu u sussegwentement bieghhom lil Joseph Farrugia. Id-Difiza izda tikkontendi li l-fatti ta' dan il-kaz ma jinkwadrawx ruhhom fir-reat ta' serq li bih qed jigi akkuzat l-imputat izda semmai fir-reat ta' approprijazzjoni indebita kontemplat fl-Artikolu 293 tal-Kodici Kriminali u dan ghaliex l-imputat ma hax pussess tal-oggetti in dizamina bi vjolenza jew minghajr il-konoxxenza tal-propjetarju izda dawn gew konsenjati lilu minn Philip Borg bl-inkarigu specifiku li huwa jehodhom fil-mahzen ta' Santa Venera izda minflok huwa zamm l-oggetti, hadhom band' ohra u mbaghad bieghhom.

Ili l–awtur Antolisei[iii] jghid is-segwenti dwar ir-reat ta' approprijazzjoni indebita :

> Con questa incriminazone l' ordine giuridico mira ad impedire gli attentati patrimoniali che possono essere commessi da chi e' in possesso di cose mobile altrui. In particolare, viene punito il possessore di cosa mobile non propria il quale si comporti da padrone, e cioe' compia sulla stessa atti di disposizione che sono riservati al proprietario, come nel caso della persona che, avuta in consegna una collana di perle per custodirla, la vebnde e ne instachi il ricavato.

L-istess awtur imbaghad jaghmel is-segwenti distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati:-

> La figura giuridica dell'appropriazione indebita presenta una notevole affinita' con quella del furto: le due fattispecie sono contigue e si completano a vicenda. Entrambe, infatti, riguardano le cose mobile altrui, ma, mentre il furto, come si e' visto, implica nell'autore la mancanza del possesso, consistendo nel fatto di procurarselo (impossessamento), l-appropriazione indebita presuppone che l' agente gia' possieda le cose medesime. Quando il reo non ha il possesso, egli non puo' commettere appropriazione indebita; quando possiede la cosa, non puo' rendersi responsabile del furto.

Illi fil-kaz odjern il-pussess tal-oggetti gie ghand l-imputat bil-kunsens tal-propjetarju u ghalhekk wiehed mill-elementi tar-reat ta' serq huwa nieqes ghaliex l-imputat ma otjeniex il-pussess b' mod vjolenti jew klandestin u cioe' minghajr il-konoxxenza tal-propjetarju.

Din il-Qorti taqbel ma' dak sottomess mid-Difiza li l-fatti ta' dan il-kaz jinkwadraw ruhhom fir-reat ta' approprijazzjoni indebita u mhux f' dak ta' serq. Il-Qorti taqbel ukoll li r-reat ta' approprijazzjoni indebita huwa ben distint u separat mir-reat ta' serq u ma jistghax jitqies bhala kompriz u nvolut f' dak ir-reat jew altrimenti bhala mezz ghal fini tal-istess. Isegwi ghalhekk li l-imputat ma jistghax jinstab hati tal-imputazzjoni ta' serq migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement l-anqas tal-addebitu tar-recidiva.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah minnhom.

**MAGISTRAT**

**Graziella Abela**

**Deputat Registratur**

---

[i] Rapport inserit a fol. 7 et sequitur tal-atti processwali.
[ii] Inseriti a fol. 11 sa 15 tal-atti processwali.
[iii] Manuale di Diritto Penale Parte Speciale -1 pg 328 u 329.